# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 842/10/1 SM**

**Samantha Formosa ġià Grima**

**v.**

**Kevin Micallef, Alan Bugeja u b'nota tad-29 ta' Diċembru, 2017 l-Avukat Dr Alan Zerafa assuma l-atti bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Kevin Micallef u kif ukoll l-assenti Alan Bugeja, u b'nota tat-22 ta' Jannar 2018 Kevin Micallef u Alan Bugeja assumew l-atti tal-kawża f'isimhom proprju minflok il-prokuratur speċjali l-Avukat Dr Alan Zerafa, Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, Maurice Attard u Sonlit Limited (C-15135) u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2011 l-atti għaddew f'isem Stephen Balzan bħala stralċarju u b'digriet tal-24 ta' April, 2012 ġie kjamat fil-kawża l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar**

**Preliminari**

1. Dan il-każ jitratta inċident waqt avveniment fil-miftuħ organizzat minn uħud mill-konvenuti, li seħħ fl-inħawi ta' Fra Ben, il-Qawra, nhar l-14 ta' Settembru, 2008, fejn l-attriċi Samantha Formosa (xebba Grima) safet midruba. Hekk kif kien għaddej l-avveniment, waqa' l-armar li fuqu kien hemm armat id-dawl, liema armar sar mis-soċjetà konvenuta Sonlit Limited, taħt id-direzzjoni tal-konvenut Maurice Attard, direttur fi ħdan l-istess soċjetà. Meta nqaleb l-armar, waqa' fuq diversi nies li kienu preżenti, fosthom l-attriċi, bil-konsegwenza li sfat midruba, korriet serjament u sofriet diżabilità permanenti.

2. Għalhekk l-attriċi ressqet din il-kawża, li permezz tagħha qiegħda titlob:

(i) Il-konvenuti flimkien u *in solidum* jiġu dikjarati unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-14 ta' Settembru, 2008, fl-inħawi Ta' Fra Ben, il-Qawra, li fih korriet l-attriċi;

(ii) Li jiġu likwidati d-danni mġarrba mill-attriċi minħabba dan l-inċident u l-korriment u dan jekk meħtieġ bl-opra ta' periti nominandi;

(iii) Li l-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati flimkien u *in solidum* jħallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

3. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Diċembru, 2017, ingħad li l-Qorti tinsab sodisfatta li l-attriċi pprovat il-każ tagħha skont il-liġi. Filwaqt li dik il-Qorti lliberat lill-konvenuti Maurice Attard u Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjonijet l-oħra tal-bqija tal-konvenuti. Laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat lill-konvenuti Micallef, Bugeja u Balzan, dan tal-aħħar, in rappreżentanza u bħala likwidatur ta' Sonlit Limited responsabbli *in solidum* għall-inċident in kwistjoni li fih korriet l-attriċi; illikwidat id-danni mġarrba mill-attriċi fl-ammont ta' €5,136.14 u kkundannat lill-istess konvenuti Micallef, Bugeja u Balzan in rappreżentanza u bħala likwidatur ta' Sonlit Limited, sabiex iħallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat lill-istess attriċi u dan bl-imgħaxijiet mill-25 ta' Awwissu, 2008, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Micallef, Bugeja u Balzan fil-kwalità tiegħu premessa.

4. L-Avukat Dottor Alan Zerafa, bħala prokuratur speċjali, għan-nom u in rappreżentanza tal-konvenuti assenti Kevin Micallef u Alan Bugeja, ressaq rikors tal-appell, fejn ġiet ikkontestata r-responsabbiltà addebitata

lilhom mill-Ewwel Qorti, kif ukoll il-mod kif l-Ewwel Qorti kkwantifikat id-danni. Tressaq ukoll appell inċidentali min-naħa tal-attriċi Samantha Formosa ġià Grima fejn tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tillibera lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar mill-osservanza tal-ġudizzju, kienet waħda żbaljata.

5. Għall-intendiment aħjar tal-kawża, din il-Qorti qiegħda tirriproduċi parti kbira mis-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti:

> "Il-Qorti,
>
> 1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 t'Awwissu, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti, sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):
>
> 1.1. Illi fl-14 ta' Settembru, 2008, xtrat biljett u attendiet ghall-festin, ("party"), fil-miftuh fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Fra Ben, il-Qawra;
>
> 1.2. Illi dan il-festin kien organizzat mill-intimati Kevin Micallef, Alan Bugeja, u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar;
>
> 1.3. Illi l-armar tad-dawl ghall-istess attivita` kien fdat f'idejn is-socjeta` intimata Sonlit Limited;
>
> 1.4. Illi waqt li kienet ghaddejja din l-attivita` l-armar tad-dawl inqaleb u waqa` fuq diversi nies li kienu prezenti, fosthom ir-rikorrenti;
>
> 1.5. Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti korriet serjament;
>
> 1.6. Illi l-armar tad-dawl fuq riferit stallat mis-socjeta` intimata fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), kien effettivament sar fil-prezenza tad-direttur tal-istess socjeta`, senjatament l-intimat Maurice Attard, li fil-konfront tieghu anke inbdew proceduri ta' natura kriminali;
>
> 1.7. Illi in konsegwenza tal-istess incident ir-rikorrenti sofriet dizabilita` serja u permanenti, (ara foll 5 u 7);
>
> 1.8. Illi di piu`, l-istess rikorrenti ghadha ssofri danni konsistenti:
>
> 1.8.1. Fi spejjez ta' kura; u

1.8.2. F'telf ta' qliegh;

1.9. Illi ghall-akkadut huma responsabbli l-intimati fuq indikati stante li l-incident in dizamina sehh tort u htija tan-negligenza, nuqqas ta' hila, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti, u nuqqas t'osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parte tal-intimati, meta organizzaw attivita` fil-berah meta kien hemm rih qawwi u kellhom l-armar li ma kiex stallat kif titlob l-arti u s-sengha, u dan, minkejja avvizi meterjologici f'dan ir-rigward;

1.10. Illi ghalkemm l-intimati kienu interpellati biex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom ikkagunati, baqghu inadempjenti;

1.11. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1 Tiddikjara lill-intimati unikament responsabbli in solidum ghall-incident in dizamina li fih korriet gravament ir-rikorrenti;

1.11.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dan l-incident, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.11.3. Tikkundanna lill-intimati in solidum biex ihallsu d-danni hekk likwidati;

1.11.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

...

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali intimat datata t-13 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti, (ara foll 14):

3.1. Illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma setax jigi pprezentat rikors guramentat fil-konfront tieghu gialadarba gew imharsa d-disposizzjonijiet tal-artiklu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

3.2. Illi konsegwentement, kwantu l-atti jikkoncernaw lill-imsemmi Kunsill Lokali intimat, dawn huma nulli;

3.3. Illi l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti ma tissodisfax l-artiklu 156 (4) tal-Kap 12 stante li m'inghatawx ismijiet ghal uhud mix-xhieda u jsiru riferenzi ghal "stage names" li m'ghandhom l-ebda rilevanza f'qorti;

3.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

Ikkunsidrat:

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Alan Bugeja u Kevin Micallef datata l-1 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 22):

4.1. Illi jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti tistax tittenta l-azzjoni odjerna minhabba l-eta` taghha;

4.2. Illi stante li ma kienux responsabbli ghall-istallar u ghas-sikurezza tal-armar li waqa' u ikkaguna l-incident de quo, m'ghandhomx jinstabu responsabbli ghall-akkadut;

4.3. Illi l-incident sehh minhabba f'cirkostanzi li ma kellhom l-ebda kontroll fuqhom;

4.4. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati l-ohra Maurice Attard u Stephen Balzan nomine li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 25):

5.1. Illi fil-mument li kien intavolat ir-rikors guramentat promotur, is-socjeta` intimata hawn rapprezentata minn stralcjarju, kienet diga' fi process ta' stralc;

5.2. Illi ghalhekk l-istess rikors promotur kellu jigi pprezentat kontra l-istralcjarju de quo u mhux kontra s-socjeta` involuta innifisha;

5.3. Illi tali nuqqas mhux sanabbli bl-eventwali trasfuzjoni tal-atti f'isem l-istralcjarju de quo;

5.4. Illi din il-qorti hi inkompetenti *rationae valoris* stante li d-danni li setghu jigu sofferti mir-rikorrenti huma *de minimis*;

5.5. Illi t-talbiet indirizzati mir-rikorrenti fir-rigward tal-intimati odjerni indikati f'dan il-paragrafu huma infondati peress li mhux responsabbli ghall-incident in dizamina;

5.6. Illi ghalhekk dawn it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.7. Illi ma tezisti l-ebda solidarjeta` - la *ex lege* u lanqas *ex contractu* – bejn l-intimati hawn indikati u/jew mal-intimati l-ohra;

5.8. Illi konsegwentement it-talba li l-intimati jigu ikkundannati in solidum biex ihallsu d-danni riklamati ma tistax tigi akkolta;

5.9. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.10. Salv risposti ulterjuri; Ikkunsidrat:

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-16 ta' Mejju, 2011, (ara foll 28), li permezz tieghu ordnat li l-ewwel tigi ittrattata l-eccezzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali intimat, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), u foll 14);

7. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali de quo indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 33);

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-11 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu ikkonfermat in-nomina tal-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 41);

9. Rat is-sentenza datata l-11 ta' Jannar, 2012, (ara foll 42), li permezz taghha l-istess qorti diversament preseduta, ghar-ragunijiet hemm premessi;

9.1. Laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Lokali intimat;

9.2. Illiberat lill-istess Kunsill Lokali mill-osservanza tal-gudizzju;

9.3. Ordnat li l-kawza titkompla kontra l-intimati l-ohra fid-data hemm indikata;

10. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 t'April, 2012, li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors tal-intimati Micallef u Bugeja datat il-15 ta' Marzu, 2012, (ara foll 61), u r-risposta tar-rikorrenti datata t-23 t'April, 2012, (ara foll 77), ikkjamat in kawza l-Kunsill Lokali de quo;

11. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara li awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita biex tkompli tisma' x-xhieda f'seduta gia` iffissata, sussegwenement tghaddi l-inkartament kollu lil din il-qorti biex tkompli tisma' l-kawza hi stess, (ara foll 100);

12. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, awtorizzat li l-kawza odjerna tinstema' flimkien mal-kawza fl-ismijiet **Vladyskava Kravchenko et vs. Kevin Micallef et, Rikors numru 966/2009**, u b'digriet datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet il-provi

kollha mismugha fl-istess procedura parallela hawn indikata japplikaw ukoll in toto ghall-procedura odjerna, (ara foll 304);

13.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali issa kjamat in kawza fuq riferit datata t-30 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 109):

13.1. Illi l-kjamata in kawza tal-Kunsill Lokali de quo hi irrita stante li gia` kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju b'sentenza datata l-11 ta' Jannar, 2012, (ara foll 42);

13.2. Illi l-artiklu 961 tal-Kap 12 ma japplikax ghall-Kunsill Lokali de quo stante li mhux terz estranju ghall-kawza tant, li kien parti fiha mill-bidu nett;

13.3. Illi l-azzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali de quo, l-azzjoni in dizamina intemmet b'mod definittiv billi ma gie interpost l-ebda appell fir-rigward;

13.4. Illi stante ma gewx imharsa d-dispozizzjonijiet bl-artiklu 460 tal-Kap 12, il-procedura odjerna hi nulla fil-konfront tal-Kunsill Lokali intimat;

13.5. Illi di piu`, gew pregudikati billi ma kienux parti fis-smigh tal-provi, u ghalhekk il-provi ghandhom jinstemghu mill-gdid;

13.6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16);

13.7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

13.8. Salv risposti ulterjuri;

14. Rat id-digriet taghha datat l-20 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, wara talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, hatret lill-espert mediku hemm indikat biex jezamina lir-rikorrenti u jirrelata fir-rigward, (ara foll 234);

15. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 304);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-13 ta' Gunju, 2017, (ara foll 305), flimkien ma dik tal-intimati Micallef u Bugeja datata l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 308), dik tal-Kunsill Lokali intimat datata wkoll l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 325), u dik tal-intimati Attard u tas-socjeta` prezentement fi stat ta' stralc datata s-16 ta' Gunju, 2017, (ara foll 330);

17. Rat il-verbal datat is-27 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom rispettivament ipprezentati;

18. Semghet ix-xhieda prodotta;

19. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluz id-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti u x-xhieda l-ohra mismugha mill-qorti diversament preseduta, mill-assistent gudizzjarju u dik ipprezentata permezz ta' dikjarazzjonijiet guramentati quddiem l-istess qorti diversament preseduta, flimkien ukoll mall-atti kollha inkluzi fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

20.1. Illi r-rikorrenti tallega li meta fl-14 ta' Settembru, 2008, marret ghall-avveniment fil-miftuh organizzat mill-intimati fil-ponta tal-Qawra, kienet involuta f'incident meta intlaqtet mill-armar tad-dawl li waqa' fuq in-nies li kien hemm tahtu u rizultat tal-istess, soffriet dizabilita` permanenti;

20.2. Illi l-incident in dizamina sehh fi spazju wiesgha li s-soltu jintuza bhala parkegg hdejn il-fond maghruf bhala "Fra Ben" f'Ras il-Qawra, fejn il-post kien imdawwar kollu bi struttura tax-xibka u hadid, (ara foll 164);

20.3. Illi l-avveniment mertu ta' din il-procedura kien:

20.3.1. Organizzat mill-intimati Micallef u Bugeja, (ara foll 567 u 569 in atti tar-Rikors Numru 966/2009 fuq gia` riferit, u paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel);

20.3.2. Illi l-inizjattiva ghaz-zamma tal-istess avveniment ittehdet mill-Kunsill Lokali intimat, (ara foll 569 tal-imsemmi Rikors Numru 966/2009);

20.3.3. Illi s-socjeta` intimata Sonlit Limited illum fi stat ta' stralc kienet giet inkarigata mill-intimati Micallef u Bugeja biex tarma d-dawl ghall-istess avveniment, (ara foll 535 u 561 tal-istess Rikors Numru 966/2009);

21. Illi waqt l-izvolgiment tal-istess avveniment rizultat tar-rih qawwi li kien hemm fuq il-post de quo l-armar tad-dawl pezanti li kien gie hekk armat fil-post in dizamina ikkrolla fuq il-folla tal-festeggjanti li kien hemm tahtu, fosthom fuq ir-rikorrenti, (ara foll 5 u 87), li f'daqqa wahda hasset daqqa qawwija fuq rasha li konsegwenza taghha giet mitfuha ma l-art;

22. Illi effettivament, skont l-espert mediku appozitament nominat minn din il-qorti gie stabbilit li rizultat tal-istess impatt, ir-rikorrenti soffriet minn cikatrici skulurita fil-forma ta' 'J' inversa fuq in-naha tax-xellug tax-xoffa ta' fuq, flimkien ma cikatrici ohra zghira izda insinifikanti fuq in-naha ta' gewwa tal-istess xoffa, (ara foll 278 u 279);

23. Illi l-istess espert mediku in dizamina pero` jissottolinea li r-rikorrenti ma sofriet mill-ebda disfunzjoni sensorja jew motorja fuq ix-xoffa ta' fuq involuta f'dan l-incident, (ara foll 278);

24. Illi l-istess espert jemfasizza li tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti hi t'eta` tenera, allura hi preokkupata mid-dehra taghha u din ic-cikatrici, ghalkemm zghira, kienet qed taffettwha psikologikament u qeghda tiddeprimiha, (ara foll 279 u 280);

25. Illi peress li l-ezami mediku de quo sar tmin (8) snin wara l-incident in dizamina mhux mistenni li jkun hemm zvilupp pozittiv fir-rigward minghajr ma jkun hemm intervent kirurgiku, (ara foll 280), ghalkemm anke tali intervent qatt ma jista' jgieghel li l-istess cikatrici tisparixxi, (ara foll 280);

26. Illi l-uniku alternattiva biex ikun jista' jsir dan hu li r-rikorrenti tirtokka l-parti effettwata b'mod li tahbi l-istess cikatrici, (ara foll 280);

27. Illi in vista tat-trawma fizika sofferta mir-rikorrenti imhabba l-incident de quo, l-istess espert mediku ikkonkluda li sofriet dizabilita` permanenti ta' tnejn fil-mija, (2%);

28. Illi f'dan ir-rigward, tenut kont li dan l-ezami mediku sar madwar tmin (8) snin wara l-incident de quo, ir-referenza erronea tal-istess espert mediku ghad-data tal-incident in dizamina, (ara foll 277 u 280, flimkien ma foll 1 u 163 fost ohrajn), qed tittiehed bhala zball venjali minghajr l-ebda konsegwenza;

Ikkunsidrat:

29. Illi permezz tal-ewwel risposta preliminari taghhom, l-intimati Micallef u Bugeja jirribattu li qabel isir progress iehor fil-procedura odjerna ghandu l-ewwel jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti hix f'posizzjoni li tippromwovi l-procedura odjerna minhabba l-eta` taghha, (ara foll 22);

30.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi jirrizulta li r-rikorrenti twieldet fit-10 ta' Lulju, 1984, (ara foll 277);

30.2. Illi jirrizulta wkoll li l-procedura odjerna kienet intavolata fil-25 t'Awwissu, 2010, (ara foll 1);

30.3. Illi ghalhekk jirrizulta li meta r-rikorrenti intavolat il-procedura odjerna kellha sitta u ghoxrin (26) sena, u ghalhekk kienet abbundantement maggorenni;

31. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li tali eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Micallef u Bugeja ma tistax tigi akkolta, mhux biss, talli bi ftit sforz daparti taghhom setghu facilment jiskopru l-eta` tal-istess u jevitaw ezercizzju inutili fir-rigward;

Ikkunsidrat:

32. Illi l-intimat Attard isosstni li bhala direttur tas-socjeta` Sonlit Limited qatt ma kellu xi relazzjoni guridika kontrattwali jew xort' ohra kemm mar-rikorrenti, jew mal-intimati l-ohra, (ara foll 330);

33.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

33.1. Illi effettivament l-intimati Micallef u Bugeja kienu inkarigaw proprju lis-socjeta` Sonlit Limited biex tezegwixxi l-armar strutturali tad-dawl ghall-avveniment de quo, (ara paragrafu numru ghoxrin punt tlieta punt tlieta, (20.3.3.), aktar qabel;

33.2. Illi l-fatt li l-intimat Attard kien direttur tas-socjeta` intimata de quo, jirrizulta wkoll minn foll 289 fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009;

33.3. Illi konsegwenza tal-istess, gialadarba din is-socjeta` ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik tad-direttur taghha Maurice Attard, il-procedura odjerna ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-imsemmi intimat Attard fil-kwalita` personali tieghu;

33.4. Illi in effetti jirrizulta ukoll li fil-mori tal-kawza kien sahansitra gie appuntat stralcjarju ghas-socjeta` intimata de quo, (ara foll 1);

33.5. Illi ghaldaqstant, l-intimat Attard ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bil-proceduri odjerni jitkomplew fil-konfront tal-istrarcjarju Balzan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi rigward il-posizzjoni tal-Kunsill Lokali intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

34.1. Illi l-posizzjoni tal-Kunsill Lokali de quo giet kristallizzata bis-sentenza preliminari ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-11 ta' Jannar, 2012, (ara foll 42 et seq.);

34.2. Illi permezz tal-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti l-istess qorti, ghar-ragunijiet hemm indikati illiberat lill-imsemmi Kunsill

Lokali mill-osservanza tal-gudizzju, (ara ukoll paragrafu numru disgha, (9.), aktar qabel);

34.3. Illi sussegwentement, fuq talba appozita tal-intimati Micallef u Bugeja datata l-15 ta' Marzu, 2012, (ara foll 61), l-istess qorti, bid-digriet taghha datat l-24 t'April, 2012, (ara foll 61 u 63), ikkjamat in kawza lill-istess Kunsill Lokali;

34.4. Illi in vista tal-istess, il-Kunsill Lokali in meritu issottometta risposta guramentata ulterjuri datata t-30 ta' Lulju, 2014, (ara paragrafu numru tlettax, (13.), aktar qabel u foll 109);

34.5. Illi fit-tielet (3) risposta tieghu il-Kunsill Lokali intimat jirreferi ghall-artiklu 231 (2) tal-Kap 12 li jistabbilixxi s-segwenti: "Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wiehed jew iktar minn konvenut wiehed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiz-zmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza";

34.6. Illi fid-dawl tal-artiklu de quo jirrizulta pacifiku li l-appell mis-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2012, fuq riferita, (ara foll 42), kellu jigi intavolat fit-terminu li kien jibda minn din id-data u ghalhekk, ferm qabel is-sentenza finali;

34.7. Illi jirrizulta ampjament assodat minn ezami tal-atti ta' din il-procedura li s-sentenza de quo tal-11 ta' Jannar, 2012, ma gietx hekk appellata fit-terminu stabbilit fl-imsemmi artiklu 231 (2) tal-Kap 12;

34.8. Illi konsegwentement, stante li l-istess sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2012, ghaddiet in gudikat, ghandu allura jkun pacifiku li t-tielet (3) risposta tal-Kunsill Lokali intimat ghandha tigi akkolta, u b'hekk, l-istess Kunsill ghandu jigi meqjus li effettivament gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju mid-data tal-imsemmija sentenza;

Ikkunsidrat:

35. Illi epurati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, jigi issa indirizzat il-mertu veru u proprju tal-vertenza in dizamina;

Ikkunsidrat:

36. Illi r-risoluzzjoni tal-istess tirrikjedi d-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kap 16 li qed jigu hawn riprodotti:

> "1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;
>
> 1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

> (2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;
>
> 1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

Ikkunsidrat:

37.0. Illi r-risoluzzjoni tal-vertenza fid-dawl tal-artikoli tal-Kap 16 indikati fil-paragrafu precedenti tirrikjedi allura analisi tas-segwenti:

37.1. Il-Fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti; u

37.2. Ir-Responsabbilita` tal-intimati rimanenti;

Ikkunsidrat:

**A. Il-Fatti Rizultanti:**

38. Illi jibda biex jigi sottolineat li permezz tal-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-21 ta' Marzu, 2017, dawn qabblu li l-provi kollha migbura fil-kawza fl-ismijiet **Vladyslava Kravecenko et vs. Kevin Micallef et, Rikors Guramentat Numru 966/2009** japplikaw in toto ukoll ghall-procedura odjerna, (ara foll 304);

39.0. Illi skont ir-rapprezentanti tal-Ufficju Meterijologiku jirrizulta s-segwenti:

39.1. Illi fil-gurnata tal-avveniment in dizamina, (l-14 ta' Settembru, 2008), ir-rih kien gej mill-Majjestral, (ara foll 271 tal-procedura odjerna u foll 377 fl-atti tar-Rikors 966/2009);

39.2. Illi s-sahha tar-rih imkejla fil-livell ta' Forza 5 "...jigifieri rather strong wind, (ara foll 378 fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009), jew fil-livell ta' "*Near Gale*", (ara foll 273 u 274);

39.3. Illi kif jirrizulta minn dikjarazzjoni guramentata ta' direttrici tas-socjeta` Sonlit Limited datata t-13 t'Ottubru, 2011, u minn rapport tal-Pulizija datat it-18 ta' Settembru, 2012, ir-rih fl-inhawi tant kien qawwi li ghall-habta tad-9.00p.m. ghamlet ukoll buffura kbira ta' rih li waqqet l-iscaffolding li kien hemm kostruwit ma' faccata ta' bini minnha hemm indikat, (ara foll 458 u 531 fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fir-rigward tal-istruttura li intuzat biex iddawal il-palk principali li eventwalment inqalbet fuq dawk prezenti ghall-habta tat-8.50p.m.,

jinghad sintetikament is-segwenti: (ara foll 622 et seq. fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009);

40.1. Illi din kienet tal-ghamla maghrufa bhala "*Trabes*", (ara foll 624 u ritratt a foll 625 tar-Rikors guramentat hawn indikat);

40.2. Illi l-istruttura de quo kienet wahda prefabbrikata, (ara foll 296), u kienet tikkonsisti fi "*trusses*" tal-aluminju assemblati flimkien permezz t'accessorji, modi differenti biex jaqdu l-esigenzi tal-attivita`, (ara foll 624 fl-atti tar-Rikors fuq indikat f'dan il-paragrafu);

40.3. Illi din l-istruttura kienet qed izzomm id-dawl li kien qieghed jillumina l-palk u dan kien jikkonsisti f'madwar hmistax (15) il-"*spotlight*" imdendla fuq it-"*truss*" il-mindud li kien mizmum minn zewg (2) torrijiet, wiehed fuq kull naha;

40.4. Illi l-istruttura in dizamina kienet wahda li tista' toqghod wieqfa b'mod indipendenti fuq is-saqajn, (ara foll 296);

40.5. Illi l-istruttura *de quo* kienet mibnija minn tliet (3) partijiet principali senjatament it-*"truss*" il-minduda li fuqha kienu mdendlin id-dwal u zewg (2) torrijiet li kienu qed jerfghu it-*"truss*" il-minduda;

40.6. Illi l-incident in dizamina sehh:

40.6.1. Ghaliex kien hemm hafna rih; u

40.6.2. Ghaliex l-istruttura in dizamina ma kellha l-ebda irbit jew piz biex jassigura l-istabilita` taghha, (ara foll 627 fl-atti tar-Rikors 966/2009);

40.7. Illi ghakemm l-istess espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta Magisterjali in kwistjoni isosstni li fil-fatt l-istruttura intiera hi progettata biex tibqa' bil-wieqfa wehedha, ikompli jemfasizza li f'kazijiet bhal dawk in dizamina wiehed necessarjament ghandu d-dover li jikkonsidra elementi ohra li jistghu jinfluwenzaw l-istabilita` tal-istess struttura, (ara foll 627 in atti tar-Rikors Numru 966/2009);

40.8. Illi fic-cirkostanzi in dizamina, meta jirrizulta li kien hemm rih konsiderevoli gej Forza 5 mill-Majjistral f'area fil-miftuh, dawn kienu jirrikjedu li jkun hemm aggunt mal-istess struttura pizijiet jew irbit esterni biex jistabbilizzaw lill-istess u jevitaw dak li eventwalment sehh fl-istess avveniment;

40.9. Illi jirrizulta assodat li tali irbit jew pizijiet stabilizzanti ma gewx ezegwiti fuq l-istruttura in dizamina, u b'hekk l-istruttura inqalbet meta ma setghatx izzommu eretta minhabba l-forza tar-rih u minhabba li ma kienitx marbuta mal-art b'mod li tibqa' eretta;

40.10. Illi tali azzjoni preventiva kellha tkun awtomatikament assikurata minn socjeta` appozitament imwaqqfa biex taghmel proprju dan ix-xoghol;

40.11. Illi in vista tal-premess din il-qorti, fortifikata bir-rizultanzi fuq sintetikament elenkati li taghmel taghha, m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tikkonkludi li stante in-nuqqas tas-socjeta` intimata riskontrat li torbot it-torrijiet in dizamina b'mod li tassigura l-inkolumita` ta' kull minn kien ser jippatrocina l-avveniment in kwistjoni, naqset gravament li tezegwixxi x-xoghol in dizamina skont is-sengha u l-arti, u b'hekk naqset li tassigura s-sahha u s-sigurta` ta' dawk li ghazlu li jattendu ghall-avveniment *de quo*;

40.12. Illi *di piu`,* ma jistax ma jigix ukoll osservat il-fatt inkwetanti li minn ezami akkurat tal-atti kollha taz-zewg (2) proceduri in dizamina kif fuq indikat, jirrizulta li fl-attwazzjoni tal-avveniment in kwistjoni ma kien hemm l-ebda sorveljanza daparti tal-intimati organizzaturi ghal dak li jirrigwarda s-sahha u s-sigurta` ta' dawk li ippatrocinaw l-istess avveniment, haga li tippreokkupa lill-qorti odjerna *stante* li hu osservat li hafna drabi, fejn jidhlu l-attivitajiet simili tal-massa, tali konsiderazzjoni hi komunement latitanti – haga li l-awtoritajiet ikkoncernati ghandhom id-dover li jipprevjenu u mhux li jipprecipitaw fuq il-post wara li tkun gia` sehhet it-tragedja;

40.13. Illi kien imhabba dawn in-nuqqasijiet tal-intimati li sehh l-incident in dizamina fejn serata ta' divertiment innocenti inbidlet f'inkubu ghar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

41. Illi fir-rigward finalment issir ukoll referenza ghall-artiklu 1029 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti: "Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara";

42. Illi ghandu jkun pacifiku li fid-dawl tar-rizultanzi fuq elenkati dan l-artiklu partikolari mhux applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-incident in dizamina ma jirrizultax li kien incident jew rizultat ta' forza magguri, izda kif indikat aktar qabel, kien rizultat ta' rih qawwi fil-livell ta' Forza 5 kongunt ma' armar espost ghall-elementi li ma kienx marbut biex tkun assigurata l-inkolumita` ta' dawk li ippatrocinaw l-avveniment de quo, haga li socjeta` espressament imwaqqfa ghal dan ix-xoghol kien imissha taf li ghandha d-dover li taghmlu biex tevita l-effetti nefasti riskontrati;

43. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat it-talba taghha rigwardanti n-nuqqas ta' diligenza ordinarjament rikjesta u mistennija minn persuna ragonevoli f'cirkostanzi simili;

Ikkunsidrat:

**B. Ir-Responsabbilita` individwali tal-intimati:**

44.0. Illi in vista tal-premess din tirrigwarda lis-segwenti:

44.1. L-intimati Micallef u Bugeja; u

44.2. Is-socjeta` intimata Sonlit Limited;

Ikkunsidrat:

**i. L-intimati Micallef u Bugeja:**

45. Illi l-avveniment in dizamina mizmum f'Ras il-Qawra fl-14 ta' Settembru, 2008, u li ta' origini ghall-procedura odjerna kien organizzat minn dawn iz-zewg intimati, senjatament Kevin Micallef u Alan Bugeja, (ara foll 567 u 569 fl-atti tar-Rikors Numru 966/2009);

46. Illi konsegwentement, qua organizzaturi, ir-responsabbilita` ghall-ambjent sikur fir-rigward, kien f'idejn l-imsemmija intimati;

47. Illi in vista tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati ghandu jirrizulta pacifiku li l-intimati in dizamina Micallef u Bugeja m'aderewx ma' dan l-obbligu impost fuqhom mill-ligi billi ma zgurawx irwiehom li l-armar, biex jittellghu d-dwal fuq il-palk in dizamina, ikun hieles minn perikoli;

48.0. Illi ghandu jigi sottolineat li dawn l-organizzaturi, meta raw li r-rih kien qawwi hafna mill-Majjistral setghu:

48.1. Jew jannullaw l-avveniment u jittrasferuh ghal data ohra; 48.2. Jew jizguraw li l-armar kostruwit biex idawwal il-palk kif fuq indikat ikun kostruwit b'mod sikur minghajr ma jkun ta' periklu ghall-partecipanti f'din l-attivita`;

49. Illi ghandu ukoll jigi sottolineat li l-kaz in dizamina ma jistghax ikun ekwiparat ma kaz fortuwitu;

50. Illi jirrizulta ampjament assodat li l-intimati in dizamina kienu jafu li fil-hin tal-avveniment de quo ir-rih kien wiehed qawwi u b'hekk jirrizulta li kien l-obbligu taghhom li jiehdu dawk ilprekawzjonijiet kollha necessarji biex jassiguraw l-inkolumita` tal-partecipanti li attiraw ghall-istess;

51. Illi minkejja dan, l-intimati *de quo* ghazlu li jkomplu ghaddejjin bl-istess avveniment meta l-kondizzjonijiet tat-temp jirrizultaw li kienu mhux biss prekarji u projbittivi – izda kienu wkoll serjament perikoluzi;

52. Illi konsegwentement ir-responsabilita` tal-akkadut tirrisjedi kompletament fuq l-istess intimati;

53. Illi di piu`, ssir referenza ghall-artiklu 1037 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi";

54. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **George Grech et vs. Direttur tat-Toroq et** datata s-26 ta' Gunju, 2009, fejn gie sottolineat is-segwenti:

> "When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor", (**Charlesworth: On Negligence** (2 – 304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A.L. Smith);"

55. Illi jigi sottolineat li bhala organizzaturi l-intimati hawn in dizamina ingaggaw lis-socjeta` intimata Sonlit Limited u konsegwentement, ir-responsabbilita` tal-istess intimati hawn ezaminata tirrizulta naxxenti wkoll minn dan l-istess fatt;

Ikkunsidrat:

**ii. Is-socjeta` intimata Sonlit Limited:**

56.0. Illi kif stabbilit aktar qabel jirrizulta li l-avveniment in dizamina;

56.1. Kien organizzat mill-intimati Micallef u Bugeja;

56.2. Kien sar bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali intimat; u

56.3. Kienet is-socjeta` intimata in dizamina li kienet responsabbli ghall-armar tad-dawl ta' fuq il-palk, liema socjeta` kienet giet inkarigata ghal dan ix-xoghol mill-intimati Micallef u Bugeja fuq indikati;

57.0. Illi minn ezami tad-dokumenti kollha pprezentati in atti kemm fil-procedura odjerna kif ukoll fil-procedura parallela ghaliha Rikors Numru 966/2009, **ma jirrizultax** li din is-socjeta` intimata:

57.1. Kellha l-kwalifici mehtiega biex ticcertifika l-inkolumita` tal-istruttura; jew li

57.2. Kienet assikurata fl-interess tal-partecipanti ghall-avveniment *de quo* ghal xi sinistri u incidenti li setghet tikkawza – haga li ghandha tkun kundizzjoni prijoritarja qabel ma jinghata kwalunkwe permess fir-rigward, ghalkemm jirrizulta li l-Kunsill Lokali *de quo* kien debitament assikurat, (ara foll 569 in atti tar-Rikors Numru 966/2009;

58. Illi ghalhekk issir referenza ghall-artiklu 1038 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor";

59. Illi stabbilit dan, ghandu allura jkun pacifiku wkoll li din is-socjeta` intimata, tenut kont tal-fatt li naqset li torbot l-istruttura b'mod li ma tkunx ta' periklu ghal terzi kif kienet, ghandha wkoll iggorr ir-responsabbilita` ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

60.0. Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

60.1. Illi qabel xejn issir referenza ghall-artiklu 1045 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "1. Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l- hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t- telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib;
>
> 2. Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l- inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix- xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara";

60.2. **Damnum Emergens:**

60.2.1. Illi skont zewg ricevuti datati l-5 u l-10 ta' Frar, 2010, rispettivament, (ara foll 95 u 96), ghal €30.00 u €100.00 rispettivament, jirrizulta li komplessivament ir-rikorrenti hallset €130.00 lit-tabib koncernat;

60.2.2. Illi ssosstni wkoll li hallset €185.00 f'medicina u f'konsulenzi, (ara foll 89), izda ma ipprezentat l-ebda prova jew

ircevuta fir-rigward ghalkemm ghamlet referenza ghal dokument li pero` ma jirrizultax *in atti,* u ghalhekk tali talba ma tistax tigi akkolta;

60.2.3. Illi ssosstni wkoll li kienet qed tinkorri spiza ta' €20.00 kull sitt (6) gimghat ghat-terapija li kienet kostretta li tiehu bhala rizultat tal-incident in dizamina, (ara foll 89), izda peress li hawn ukoll ma ingiebet l-ebda prova fir-rigward, tali talba ma tistax tigi akkolta;

60.3. **Lucrum Cessans**:

60.3.1. Illi r-rikorrenti jirrizulta li twieldet fl-10 ta' Lulju, 1984, (ara foll 277 u paragrafu numru tletin punt wiehed aktar qabel);

60.3.2. Illi l-incident in dizamina sehh fl-14 ta' Settembru, 2008, (ara foll 181);

60.3.3. Illi konsegwentement meta sehh l-incident in dizamina, r-rikorrenti kellha 24 sena;

60.3.4. Illi ghalhekk, in linea mas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **James Spiteri vs. Joseph Magro et,** datata l-**5 ta' Dicembru, 2014**, ser jigi applikat **multiplier** ta' **35**;

60.3.5. Illi skont il-"**Final Settlement System (FS3**)" tar-rikorrenti ghas-sena 2008, (ara foll 93), l-introjtu mill-impjieg taghha kien ta' €7,946.26;

60.3.6. Illi l-persentagg ta' dizabilita` permanenti sofferta mir-rikorrenti rizultat tal-kroll tal-apparat tad-dawl in dizamina kien dikjarat mill-espert mediku espressament nominat f'dan ir-rigward li hu ta' 2%, (ara foll 280);

60.4. Illi rigward it-tnaqqis minhabba l-***"Lump Sum Payment"*** prospettat jinghad sintetikament is-segwenti:

60.4.1. Illi ssir referenza ghall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Carauna vs. Odette Caruana**, datata s-**27 ta' Frar, 2004**, li qalet li:

"...ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relativ;"

60.4.2. Illi l-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Agius et vs. All Services Limited**, datata t-**2 ta' Gunju, 2005**, irriteniet li:

"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment")* lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li

jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi deciza";

60.4.3. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fil-25 t'Awwissu, 2010, (ara foll 1);

60.4.4. Illi l-istess ser tigi deciza f'Dicembru, 2017, (ara foll 343);

60.4.5. Illi ghalhekk ghandu jsir tnaqqis fir-rigward tal-*lump sum* ta' 10%;

60.5. Illi konsegwentement, il-lucrum cessans in dizamina ghandu jinhadem bil-mod segwenti: €7,946.26 x 35 x 2% - 10% = €5,006.14

Ikkunsidrat:

61. Illi mal-ammont hekk stabbilit fil-paragrafu precedenti ghandu jizdied l-ammont gia` stabbilit ghad-damnum emergens ta' €30.00, (ara paragrafu numru sittin punt tnejn punt wiehed, (60.2.1.), aktar qabel), biex ghalhekk, l-ammont komplessiv ta' danni likwidati favur ir-rikorrenti ghandu jkun ta' €5,136.14; 24

Ikkunsidrat:

62.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta bit-talbiet fuq riferiti, ir-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi..."

**Rikors tal-appell ta' Kevin Micallef u Alan Bugeja**

6. Permezz tal-appell tal-Avukat Alan Zerafa bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Kevin Micallef u Alan Bugeja, hemm jirriżultaw erba' aggravji, li huma:

(I) Fl-ewwel aggravju tagħhom jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet li l-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja huma responsabbli għad-danni, meta l-inċident ma seħħx tort tagħhom iżda tort ta' min kien responsabbli mill-installazzjoni tal-armar jiġifieri Sonlit Limited u Maurice Attard. L-appellanti jikkontendu li kien meħtieġ mill-

attriċi li tipprova li l-appellanti ma ħadux il-prekawzjonijiet marbuta ma' attivitajiet bħal dik in eżami mistennija minn *bonus pater familias*, li naqsu minn xi dover jew li kienu negliġenti u li għalhekk seħħ l-inċident. Fir-rigward tal-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligu tagħhom kien li jqabbdu lil xi ħadd kompetenti sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, iżda l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu ta' din it-tieni eċċezzjoni tagħhom. Isegwi li kien meħtieġ li jiġi ppruvat li jew li l-impjegat kien inkompetenti jew li min iħaddem ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Jesploraw il-fatti tal-każ sabiex isostnu li huma qdew l-obbligu tagħhom li jqabbdu persuna kompetenti u li huma aċċettaw u attwaw dawk il-prekawzjonijiet kollha suġġeriti lilhom minn Maurice Attard, li kellu reputazzjoni eċċellenti fil-qasam. Jikkontestaw l-applikabilità tal-każistika ċitata mill-Ewwel Qorti għall-fatti tal-każ taħt eżami u li f'kull każ, ma kellhomx jiġu miżmuma responsabbli daqs min kien responsabbli għat-twettiq tax-xogħlijiet. Sussidjarjament jilmentaw li huma ma kellhomx jiġu akkollati responsabblità meta huma ħadu biss ħsieb l-organizzazzjoni tal-attività li fl-aħħar mill-aħħar għaliha huwa responsabbli l-Kunsill Lokali, li kien applika għall-permess mal-Pulizija u l-kundizzjonijiet hemm maħruġa kienu ndirizzati lill-istess Kunsill, fosthom li jkollu polza tal-assikurazzjoni. Jisħqu li l-veru organizzatur tal-avveniment kien l-istess Kunsill Lokali u huma kienu jieħdu ħsieb aspetti marbuta mal-organizzazzjoni tal-attività, iżda jekk jirriżultaw xi nuqqasijiet ma kellhomx jiġu attribwiti lilhom iżda lill-Kunsill Lokali.

(II) Jikkontestaw l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tal-prinċipju ta' każ fortuwitu sollevat minnhom fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, arġinata fuq l-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili. Jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-forza maġġuri hija dik il-forza li għaliha huwa impossibbli li wieħed jirreżisti, mentri l-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza. Mentri l-prevedibilità trid tkun ta' probabbiltajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindirizza l-kwistjoni tal-prevedibilità fl-ikkaġunar tas-sinistru, element bażiku tal-ħtija akwiljana jew kważi delittwali u mhux sempliċement tgħid li huma kienu jafu li kien hemm riħ qawwi ħafna. Ifissru kif fil-fehma tagħhom minn eżami tal-fatti tal-każ, għandu jirriżulta li ma kienx prevedibbli għal persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali li dan it-*truss* kien ser jaqa' u jwassal għal inċident, peress li: - l-istruttura kif armata kienet tiflaħ għar-riħ ta' forza 7 u għalhekk ir-riħ ma kienx qed jaffettwa l-istabbilità tal-istruttura u ma kien qiegħed jikkawża l-ebda ċaqliq; - għalkemm ir-riħ kien element kostanti matul il-ġurnata, mal-ħin il-qawwa tar-riħ kienet bdiet tonqos; - ma kienx prevedibbli għall-appellanti li f'daqqa waħda kienet ser tiġi tromba tal-arja qawwija li saħansitra refgħet il-palk. Jisħqu li l-inċident ma sarx minħabba aġir jew nuqqas ta' aġir

min-naħa tagħhom, iżda minħabba forza tan-natura li huma ma setgħux jipprevedu u lanqas raġonevolment jevitaw.

(III) Jilmentaw ukoll mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà ta' Maurice Attard, fejn dan ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-appellanti jfissru li ma jaqblux mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti, peress li għalkemm il-kumpanija tħaddan personalità ġuridika għaliha u differenti mill-azzjonisti, dan waħdu ma jsarrafx, fin-nuqqas għal kollox ta' responsabbiltà min-naħa ta' Attard. Peress li l-azzjoni attriċi hija waħda bbażata fuq ħtija akwiljana li titnissel *ex delicto,* kien meħtieġ mill-Ewwel Qorti tistħarreġ jekk Attard naqasx fl-użu tal-prudenza, d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja li wassal għall-inċident, dan meta Attard ħa u kellu sehem attiv fil-ġrajja kollha, kien hu li ħa d-deċiżjonijiet kollha marbuta mal-armar li waqa' u kellu f'idejh it-tmexxija tas-soċjetà Sonlit Limited. Għalhekk ma jistax jingħad li m'hemmx responsabbiltà min-naħa ta' Attard, fil-vesti personali tiegħu, kif għamlet l-Ewwel Qorti.

(IV) Il-mod kif l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni dovuti lill-attriċi, inkluż il-mod kif l-Ewwel Qorti kkundannat il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma minnha likwidata, mid-data tal-25 ta' Awwissu, 2008 (data manifestament żbaljata) u dan skont il-prinċipju li m'għandhomx jiddekorru imgħaxijiet fuq somma mhux likwida. Jikkontestaw kemm il-

*multiplier* ta' 35 adottat mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħhom ma kienx jagħti qies tal-*possibilities and probabilities of life,* kwindi kellu jkun wieħed ferm inqas. Jilmentaw ukoll mit-tnaqqis ta' 10% minflok dak ta' 20%, meta ma kien hemm l-ebda dewmien fil-kawża li seta' jiġi attribwit lilhom. Dwar l-imgħax jagħmlu referenza għall-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora,* kif ukoll għall-Artikoli 1139 u 1141 tal-Kodiċi Ċivili u għall-ġurisprudenza sabiex jisħqu li ladarba t-talba attriċi kienet waħda *da liquidarsi,* ma setgħux jiskattaw l-imgħaxijiet jekk mhux mid-data tas-sentenza.

**Appell Inċidentali tal-attriċi Samantha Formosa**

7. Dan l-appell inċidentali jissejjes fuq l-uniku aggravju li l-Ewwel Qorti lliberat lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan wara li permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Jannar, 2012, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fil-konfront tal-proċeduri mnedija mill-attriċi, li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li ma ġewx imħarsa l-provvedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement, wara li saret talba mill-konvenuti Micallef u Bugeja, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba li l-Kunsill Lokali jiġi msejjaħ fil-kawża. Fit-tieni risposta tiegħu, il-Kunsill Lokali invoka l-Artikolu 231(2) tal-Kap. 12, fis-sens li ġaladarba kienet ingħatat sentenza li qatgħet l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut

partikolari, jista' jsir biss appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rriteniet li peress li s-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2012, ma ġietx appellata, saret ġudikat u b'hekk il-Kunsill konvenut kien illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju mid-data tal-imsemmija sentenza. L-attriċi appellanti inċidentalment tisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-imsemmi Kunsill Lokali skont is-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2012, iżda kellha tiddeċiedi l-mertu tal-kawża fil-konfront tal-Kunsill ukoll, indipendentament minn dak deċiż fis-sentenza tal-11 ta' Jannar, 2012. Wara kollox, kienet l-Ewwel Qorti li ma ċaħditx it-talba għas-sejħa fil-kawża tal-istess Kunsill, anzi bid-digriet tagħha tal-24 ta' April, 2012, laqgħet l-istess talba. Inoltre, il-punt ta' dritt mertu tas-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2012, ma jgħoddx meta s-sejħa fil-kawża kienet xprunata minn talba tal-konvenuti appellanti Bugeja u Micallef, li għar-rigward tal-kjamata fil-kawża mitluba minnhom, l-effetti tas-sentenza preliminari huma irrilevanti.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li, filwaqt li jikkontesta l-interpretazzjoni tal-attriċi appellanti inċidentalment, fis-sens li ladarba s-sentenza preliminari kienet iddeċidiet li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, skont l-Artikolu 231(2) tal-Kap.12, l-unika triq kienet li l-partijiet setgħu jappellaw minn dik is-sentenza kif tipprovdi l-liġi. Jikkritika l-metodu inortodoss li bih il-Kunsill reġà ġie kjamat fil-

kawża wara li ġie meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan meta l-ewwel sentenza kienet waħda definittiva fil-konfront tiegħu li għaddiet in ġudikat. Dan apparti li, is-sejħa fil-kawża tiegħu kienet ukoll irrita, peress li ladarba kien illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju, ma setax jissejjaħ mill-ġdid fil-kawża, peress li huwa ma kienx terz estranju għall-kawża, kif tipprovdi l-liġi, Hekk ukoll, il-proċeduri odjerni ma setgħu qatt jiġu sanati, peress li baqa' ma sarx l-att ġudizzjarju meħtieġ skont l-Artikolu 460 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Punt ieħor ta' relevanza huwa li, bejn meta l-Kunsill Lokali ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, sakemm ġie notifikat mill-ġdid bl-atti tal-kawża, laħaq iddekorra t-terminu preskrittiv ta' sentejn skont l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, din il-kawża kienet qiegħda timxi flimkien mal-kawża li ġġib referenza 966/2009, fil-kawża fl-ismijiet **Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et.** Dan qiegħed jiġi ppreċiżat peress li skont il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2017, ir-rappreżentanti legali tal-partijiet qablu li l-provi kollha miġjuba f'dik il-kawża għandhom japplikaw bis-sħiħ għal dawn il-proċeduri. Dan qiegħed jingħad peress li din il-Qorti rat ukoll il-provi tal-imsemmija kawża qabel iddeċidiet dawn il-proċeduri u ser tagħmel ukoll referenza għal xi xhieda mogħtija u dokumenti ppreżentati f'dawk il-proċeduri.

10. Ser jiġi trattat l-ewwel l-appell inċidentali tal-attriċi, peress li ladarba dan jattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tillibera l-Kunsill Lokali mill-osservanza tal-ġudizzju, jitqies xieraq li jiġi indirizzat dan l-ilment ta' natura proċedurali, qabel ma tidħol fl-appell tal-konvenuti appellanti li jitratta l-mertu proprju tal-kawża.

11. Illi għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-attriċi appellanti inċidentalment. Il-ħelsien tal-ħarsien mill-ġudizzju ma taqtax kwistjoni b'mod definittiv. Li seħħ f'dan il-kaz hu li wara li l-Kunsill Lokali ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għax ma ġiex osservat dak li jrid l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 bis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2012, l-istess Kunsill ġie mdaħħal fil-kawża minn uħud mill-konvenuti bħala msejjaħ fil-kawża. Il-kwistjoni però baqgħet illi l-għelt li wassal għal ħelsien mill-ġudizzju tal-Kunsill bis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2012 ma tneħħiex bil-fatt tas-sejħa fil-kawża għax dak li jrid l-Artikolu 460 tal-Kap.12. Għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Diċembru 2017 ma biddlet xejn mill-pożizzjoni tal-attriċi sa fejn jolqot lill-Kunsill Lokali u għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq din il-kwistjoni hi waħda skont il-liġi.

12. Imiss li jiġi trattat l-appell prinċipali tal-konvenuti appellanti Kevin Micallef u Alan Bugeja fir-rikors tal-appell tagħhom. L-ewwel wieħed ikun li l-inċident ma seħħx tort tagħhom, iżda kien tort tal-kuntrattur inkarigat

mill-installazzjoni tal-armar jiġifieri Sonlit Limited, flimkien ma' Maurice Attard. Jinvokaw l-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili sabiex isostnu n-nuqqas ta' responsabbiltà tagħhom.

13. Jibda biex jingħad illi r-relazzjoni ta' dawn il-konvenuti mal-atturi hi waħda kuntrattwali li nibtet meta biegħu l-biljetti għall-attività u għalhekk inħoloq kuntratt li jagħti servizz bi ħlas. Tabilħaqq huwa paċifiku li l-konvenuti Micallef u Bugeja nkarigaw lis-soċjetà konvenuta Sonlit Limited bl-armar ta' struttura, sabiex ikun hemm id-dawl meħtieġ għall-avveniment mużikali organizzat minnhom. Il-fatt waħdu li huma ma kinux il-persuni li wettqu x-xogħlijiet ta' armar, ma jeżonorax lill-istess konvenuti mir-responsabbiltà. Dan jingħad, mhux biss peress li kif osservat mill-Ewwel Qorti, l-istess konvenuti bħala organizzaturi kellhom l-obbligu li jassiguraw ruħhom li l-avveniment, inkluż il-post fejn dan kien ser isir kien wieħed sigur għall-pubbliku, inkluż jekk meħtieġ, li jħassru l-avveniment u jipposponuh għal data oħra minħabba tbassir tar-riħ qawwi, iżda wkoll li jitolbu lill-kuntrattur dokument li bih tiġi ċċertifikata l-istabbilità tal-istruttura minnu mwaqqfa.

14. Lanqas taqbel mal-konvenuti appellanti fejn jittantaw jixħtu r-responsabbiltà sħiħa fuq il-Kunsill Lokali. Mill-provi jirriżulta li d-dħul mill-bejgħ tal-biljetti kien ser jinġabar mill-istess Bugeja u Micallef, li wara l-avveniment kienu jagħmlu donazzjoni favur il-Kunsill Lokali. Hekk kif l-

attriċi ħallset il-biljett tad-dħul, hija kellha kull dritt tippretendi mill-organizzaturi, li s-sit fejn kien qiegħed isir l-avveniment huwa wieħed sigur u ħieles mill-perikli. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja ma jreġix u ser jiġi miċħud.

15. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, dak fejn jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma tatx interpretazzjoni tajba dwar il-prinċipju tal-każ fortuwitu. Għalkemm il-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja jittantaw jatribwixxu l-akkadut għal fatturi totalment barra mill-kontroll tagħhom, meta jsemmu li apparti r-riħ qawwi mbassar li kien ilu għaddej ġurnata sħiħa, ma kellux effett fuq l-istruttura mertu tal-każ, iżda li fil-mument tal-inċident din intlaqtet minn buffura ta' riħ jew tromba tal-arja, li ma tirriżultax minn xi twissija maħruġa mill-Uffiċċju Meterjoloġiku li allura ma setgħu qatt jipprevjenu għaliha, jiġi mfakkar li in tema ta' forza maġġuri, fir-rigward tad-difiża tal-każ fortuwitu, il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Grace Farrugia et v. Sun Aviation Limited et:**

> *"Kif ingħad mill-Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Cassar et noe v. Air Malta p.l.c****.:*
>
> *Id-difiza tal-forza magguri kif spjegat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza Anthony Borg et vs Dr. Tonio Mallia et noe deciza fil-31 ta' Jannar 2012 tehtieg li ma jridx ikun hemm xi sehem, pozittiv jew negattiv (fis-*

> *sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem". Minbarra dan, huwa mghallem ukoll li* ***biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm grajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tigri mill-forzi tan-natura, imma jehtieq li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias****": Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi hadd jallega li jkun sab ruhu f'qaghda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-accident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruhu f'dik il-qaghda bla htija tieghu.* ***"Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his parta' ", Ghaldaqstant, id-difiza tal-accident inevitabbli ma tistax titqajjem b'success jekk kemm-il darba tirrizulta negligenza min-naha ta' min jinvokaha*** *[(ara wkoll App Civ 16/1/1984 fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et (mhix pubblikata)]".* (enfasi ta' din il-Qorti).

16. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-assjem tal-provi, u taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti li rriskontrat nuqqasijiet fl-operat tal-kumpanija Sonlit Limited u ma tinsabx konvinta li din tassew għamlet dak kollu li kien fil-kontroll tagħha jew li eżerċitat id-diliġenza meħtieġa minn *bonus pater familias* sabiex jiġi evitat l-inċident suġġett ta' din il-kawża. Hekk kif ġie riskontrat nuqqas, kemm tal-kuntrattur, kif ukoll tal-organizzaturi konvenuti appellanti, jsegwi li dan l-aggravju dwar il-każ fortuwitu, ma jistax ikun ta' fejda għall-konvenuti appellanti Bugeja u Micallef.

17. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti prinċipalment jiġifieri dak fejn jingħad li l-konvenut Maurice Attard ukoll kellu jinstab responsabbli personalment għall-inċident in kwistjoni, flimkien mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża. Jibda billi jiġi ppreċiżat illi sa fejn l-appellanti jsejjsu l-aggravju tagħhom fuq is-sentenza tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn Maurice Attard instab ħati tal-akkużi talli b'nuqqas ta' ħila, arti u professjoni kkaġuna offiża ta' natura gravi lil diversi nies, jiġi ppreċiżat li dik is-sentenza ġiet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Novembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija v. Maurice Attard.** Ġie ordnat ukoll, li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Għalhekk din il-Qorti mhux ser tqis is-siltiet ċitati mill-appellanti b'referenza għall-istess sentenza.

18. Dan iwassal għall-eżami tal-prinċipju jekk direttur ta' soċjetà għandux jinżamm personalment responsabbli f'każ ta' inċident li jkun naxxenti minn ħtija akwiljana. L-inkarigu kien mogħti lis-soċjetà Sonlit Limited u mhux lil Attard personalment. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li, l-prinċipju tal-personalità ġuridika distinta ta' kumpanija, ma jeżonerax dejjem u awtomatikament lid-direttur mir-responsabbilità għad-danni delittwali sofferti minn terzi persuni. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Alexander u Sylvia konjuġi Zammit v. Carmel Mifsud et:**

> *"Għalkemm il-kumpanija Sterling Car Rentals Limited tħaddan personalita` ġuridika separata u differenti mir-rappreżentanti jew diretturi tagħha, xorta jista' jingħad li l-ħsara mġarrba mill-atturi appellati hija marbuta wkoll ma' għemil il-konvenut appellant Mifsud. F'dan il-każ irriżulta li, minkejja l-konvenut Mifsud kien involut sew fl-attivita` tas-soċjetà Sterling Car Rentals Limited, ma jirriżultax li ħa xi azzjoni preventiva sabiex tiġi evitata ħsara ulterjuri fil-fond tal-atturi. Kwindi* ***huwa ritenut li d-danni mġarrba mill-atturi mhumiex sempliċement responsabbilta` tal-kumpanija sid il-proprjetà fejn***

> ***seħħew ix-xogħlijiet, iżda d-danni mġarrba mill-atturi seħħew ukoll b'kawża ta' deċizjonijiet meħudin mill-konvenut appellant Mifsud, jew ta' nuqqasijiet fosthom deċiżjonijiet jew azzjonijiet li naqas li jieħu, jew li messu ħa u għalhekk ma użax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, kif mistenni minnu****. Bħala wieħed mill-persuni li jmexxi l-kumpanija, Mifsud kellu d-dmir li jara li bix-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu fuq inkarigu tal-kumpanija li tagħha kien direttur, ma jiġux ikkawżati danni lill-proprjetajiet konfinanti dik tas-soċjetà rappreżentata minnu.*
>
> *[…]*
>
> ***Għalkemm f'dan il-każ, is-sid kienet kumpanija (persuna morali) din kienet immexxija minn persuni fiżiċi, fosthom l-imsejjaħ fil-kawża, li għandu jwieġeb għal dak li ġara.***
>
> *[…]*
>
> ***Carmel Demicoli fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur kemm ta' Sterling Car Rentals Limited, kif ukoll ta' Barkata Limited, kellu l-obbligu li jara li s-soċjetajiet rappreżentati minnu jwettqu l-obbligi tagħhom. Huwa naqas mill-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja meta ma rax li s-soċjetajiet immexxija minnu kienu qegħdin jonqsu fl-obbligi tagħhom u li dawn in-nuqqasijiet setgħu joħolqu perikolu għal ħaddieħor. Kwindi n-nuqqasijiet ta' Sterling Car Rentals Limited u ta' Barkata Limited huma nuqqasijiet ta' Carmel Demicoli wkoll, billi huwa kellu s-setgħa u għalhekk l-obbligu li dawk in-nuqqasijiet ma jibqgħux fis-seħħ.*** *(Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet* ***Silvana Sammut pro et noe v. Clamus Holdings Limited et****)."* (enfasi ta' din il-Qorti)

19. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm mill-provi jirriżulta li s-soċjetà Sonlit Limted kienet inkarigata bl-imsemmija xogħlijiet ta' armar ta' struttura tal-ħadid sabiex magħha jintrama d-dawl għall-avvenment in kwistjoni, daqstant jirriżulta ċar li l-istess soċjetà kienet effettivament immexxija mill-konvenut Maurice Attard li kellu sehem tassew attiv fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lis-soċjetà konvenuta. Dan jingħad peress li kien Attard li jieħu d-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-armar u l-prekawzjonijiet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Kien Attard li ddeċieda

l-għoli tal-armar, li ddeċieda kif kellu jintrama u x'kellu jintrabat mat-*truss.* Tant Attard kellu rwol determinanti, li huwa stess jixhed li ddetta l-kundizzjonijiet tax-xogħlijiet lill-konvenuti Micallef u Bugeja, fosthom li ma jintrabat xejn aktar mat-*truss* bħal *sound speakers* u *visual screens* (ara affidavit a fol. 482). Isegwi li l-armar tal-apparat hu att fiżiku u sar minn persuna fiżika li twieġeb għall-għemil tagħha. Dan iwassal għal fehma illi sa fejn tolqot lil Sonlit u Attard l-azzjoni hi waħda *ex delicto fejn* tirriżulta l-ħtieġa li tintuża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fit-twettiq tad-doveri tiegħu.

20. Jirriżulta li Maurice Attard kien ben konsapevoli tas-sit fejn kien ser isir l-avveniment, tant li jixhed li ltaqa' fuq il-post ma' Bugeja u Micallef ftit jiem qabel. Jingħad minnu wkoll li kien konsapevoli dwar it-tbassir ta' riħ għal dik il-ġurnata li fiha kien ser isir l-avveniment, tant li meta reġgħu ltaqgħu fuq il-post lejliet l-avveniment, sabiex jiġi deċiż kif kien ser isir l-armar minħabba t-temp huwa nsista li bħala prekawzjoni: (a) li ma tintramax *array sound system* imdendla fuq it-*truss* iżda minflok issir *stack speaker system* li tiġi armata mal-art; (b) l-għoli tat-*truss* jinżamm f'għoli ta' 5 metri minflok 7, sabiex ikollha aktar stabbilità mal-art; (ċ) l-*intelligent moving lighting heads* ma jiddendlux mat-*truss,* iżda jitpoġġew direttament fuq il-palk; (d) *screens* u *advertising banners* ma jintremgħux fuq it-*truss;* (e) il-*laser system* ma tintremgħax fuq it-*truss.* Attard jiddeskrivi dawn il-prekawzjonijiet bħala miżura meħuda sabiex it-*truss*

ikollha aktar stabbilità, peress li jkollha inqas għoli u *surface area* fuqhiex jaffettwaha r-riħ. Jingħad minn Attard ukoll li minkejja li Bugeja u Micallef ma kinux kuntenti b'dawn l-arranġamenti, qagħdu għal dak deċiż minnu. Altru li l-konvenut Attard kellu rwol ewlieni u determinanti f'dak li ġara, meta kien il-persuna li tat id-direzzjonijiet u l-istruzzjonijiet dwar kif kellu jsir l-armar tal-istruttura.

21. Relevanti wkoll f'dan is-sens, huma l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Pecorella proprio et nomine v. Lino Stafrace et,** li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, fejn fost affarijiet oħra ttieħed qies tal-fatt li n-negozju tal-kumpanija kien ibbażat fuq l-esperjenza tal-azzjonist maġġoritarju u direttur, li kellu d-dmir li jiżgura li ma ssirx ħsara lill-ġirien waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (dak il-każ kien jitratta skavar viċin proprjetà li ġġarrfet wara li ma nżammitx id-distanza legali) fejn ingħad ukoll mill-Ewwel Qorti:

> "*F'dan il-kuntest ukoll, f'kaz iehor Ingliz "Koninklijke Philips Electronics NV v Prico Digital Disc GmbH the defendant director was in charge of the day-to-day running of the defendant company. It was admitted that the company imported into the UK and kept and disposed of recordable CDs of a kind that the court previously had held infringed the claimant's patent. The director had been responsible for the decision to import the infringing CDs into the UK and for the cultivation of A as a customer for those products. The director also made a decision to indemnify A against liability for royalties when the claimant sued A for infringement. <u>The court concluded that the director's close involvement with the day-to-day actions of the company, and his independent authority in respect of those actions, were sufficient to render him liable as a joint tortfeasor with the company</u>" (Company Law, Brenda Hannigan, Tielet Edizzjoni, Oxford (2012) pagna 70*)" (sottolinjar ta' din il-Qorti)

L-istess prinċipji japplikaw fil-każ in eżami.

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li f'din il-kawża, l-miżuri kollha li semma l-konvenut Attard bħala meħtieġa fl-armar tal-istruttura, jagħtu sostenn lill-fehma tal-Inġinier Claude Farrugia, jiġifieri li l-istruttura għalkemm tista' tintrama kemm fuq ġewwa, kif ukoll fuq barra, meta tintrama fuq barra jeħtieġ li ssir l-evalwazzjoni tar-riskji marbuta mal-attività u mal-istruttura fl-ambjent li tkun qiegħda tintrama. Jiġifieri f'dan il-każ, kellhom jiġu kkunsidrati r-riskji marbuta ma' struttura għolja li kellha apparat imwaħħal magħha, bir-riskju li jaqgħu l-affarijiet mill-għoli, kif ukoll x'jista' jkun hemm li taffettwa l-istabbilità tal-istruttura. Ladarba l-istruttura tkun qiegħda tintrama fuq barra, din kienet ser tkun esposta għal *external forces* bħalma hu r-riħ u għalhekk ikun meħtieġ li jittieħdu l-prekawzjonijiet peress li l-istruttura tkun esposta għall-elementi.

23. Fil-fehma tal-istess espert l-istruttura li waqgħet kienet *top heavy* peress li kienet mgħobbija bi ħmistax-il *spotlight* minn fuq u allura s-*centre of gravity* ressqet 'il fuq, apparti li bihom kien hemm *surface area* akbar li fuqhom seta' jaħkem ir-riħ, mingħajr ma l-istess stuttura kellha biżżejjed *support* fil-qiegħ (ara relazzjoni tal-Inġinier Farrugia li jifforma parti mill-atti tal-inkjesta tal-Maġistrat Inkwirenti a fol. 204). Din l-istabbilità setgħet tinkiseb billi l-istruttura tintrabat permezz ta' *guy-ropes* jew isirilha aktar

piż fuq in-naħa ta' isfel permezz ta' *sandbags.* Dawn il-miżuri jfissru li jkun qiegħed jiġi minimizzat ir-riskju li l-istruttura tinqaleb (ara x-xhieda a fol. 638 sa 661 tal-proċeduri 966/2009). Il-piż meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq huwa riżultat ta' kalkoli tad-disinn tal-istruttura li tkun ser tintrama. Għalkemm jista' jkun li sistema adottata tkun ħadmet għal snin twal mingħajr aċċident, mhix prova li s-sistema hija waħda sigura u l-fatt stess li jkun seħħ l-aċċident, huwa prova ta' dan.

24. Minn dan kollu jirriżulta li, għalkemm Attard ħa numru ta' miżuri sabiex inaqqas ir-riskji, kunsidrat it-tbassir ta' riħ qawwi, kien ikun għaqli għalih li jqabbad Inġinier professjonist li seta' jagħmel il-kalkoli meħtieġa sabiex jiġu evalwati r-riskji u l-istruttura tkun waħda stabbli, qabel ma seħħ l-inċident u mhux wara. Dan peress li għalkemm Attard kellu esperjenza f'dan il-qasam, ma kellux l-għarfien tekniku u xjentifiku meħtieġ, jew is-serħan il-moħħ li l-istruttura armata minnu kienet ser tkun stabbli u sigura, kunsidrat ir-riħ qawwi mbassar għall-avveniment li kien ser ikun miftuħ għall-pubbliku. Hekk kienu jiddettaw il-prudenza u l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Fin-nuqqas ta' dan in-nuqqas ta' *risk assessment* professjonali, jirriżulta li l-konvenut Attard ukoll għandu jġorr parti mill-ħtija tal-akkadut u dan b'applikazzjoni tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li : Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu u li jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, d-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Minn eżami mill-ġdid tal-

provi, jirriżulta ċar għal din il-Qorti, li hemm kawżalità bejn l-għemil ta' Attard u l-ħsara li ġarrbet l-attriċi, li jorbtuh mar-responsabbiltà għad-danni konsegwenti.

25. Isegwi li din il-Qorti tqis li għandhom raġun il-konvenuti appellanti, Kevin Micallef u Alan Bugeja, f'dan l-aggravju tagħhom, li l-konvenut Maurice Attard kellu jinstab ukoll personalment responsabbli għall-inċident taħt eżami u għalhekk jeħtieġ li s-sentenza appellata tiġi riformata f'dan is-sens.

26. L-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti jitratta l-komputazzjoni tad-danni, fosthom il-*multiplier* adottat mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tfakkar li fuq din it-tema tal-*multiplier,* m'għandux sempliċement jitqies li l-età lavorattiva hija dik ta' 65 sena u wara li tiġi kkunsidrata l-età tad-danneġġata fil-mument tal-inċident, isir sempliċi tnaqqis. Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Juanita Muscat v. Leisure and Theme Park Limited**, fejn b'referenza għal dan il-punt ingħad:

> *"24. Fir-rigward tal-multiplier, il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Bonanno Joseph v. Malta Freeport Terminals Limited*** *(Appell, 27/03/2020) fejn intqal illi:*
>
>> *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-età tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-*

*principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa età avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. " (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*

*"Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122)."*

27. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, kunsidrat li m'għandux jittieħed biss il-*maximum working life expectancy* imma għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni wkoll ic-*chances and changes of life,* tqis xieraq il-*multiplier* adottat mill-Ewwel Qorti fil-każ in eżami, fejn l-attriċi kellha biss erbgħa u għoxrin sena meta seħħ l-inċident. Għalhekk żgur ma tqisx ġustifikat l-ilment tal-appellanti, li l-*multiplier* ta' 35 adottat mill-Ewwel Qorti, bħala wieħed eżaġerat.

28. Fir-rigward ta' dik il-parti tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, fejn jikkontendu li ma kellux isir tnaqqis ta' 10% bħala *lump sum payment*, iżda kellu jsir it-tnaqqis ta' 20%, skont il-

ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' lump sum payment jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Dan it-tnaqqis fil-perċentwal jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi, ir-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et**).

29. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara b'eżempju s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021 u dik ta' **Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited** tal-10 ta' Ottubru, 2023). B'applikazzjoni tal-istess prinċipji, għalkemm it-tnaqqis ta' 10% seta' kien xieraq meta ngħatat l-ewwel sentenza, kunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata wara aktar minn tlettax-il sena minn meta ġiet intavolata

l-azzjoni attriċi, din il-Qorti ma tqisx li għandu jsir tnaqqis ulterjuri bħala *lump sum payment.*

30. In kwantu l-aħħar punt imqanqal mill-konvenuti appellanti prinċipalment, jiġifieri dwar il-komputazzjoni tal-imgħaxijiet, għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju mressaq mill-konvenuti appellanti, fis-sens li l-imgħax jiskatta b'effett mid-data tal-ewwel sentenza sakemm jitwettaq il-ħlas kollu. Kif ritenut kostantament fil-ġurisprudenza tagħna, ladarba t-talba attriċi kienet waħda *da liquidarsi,* il-prinċipju għandu jkun dak ta' *in illiquidis non fit mora*, jiġifieri l-interessi jibdew jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta, permezz ta' sentenza tal-Qorti. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et**, peress li l-prinċipji enunċjati fir-rigward, għandhom japplikaw ukoll fil-każ odjern:

> "*F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet.*"

31. Kwindi, ladarba r-responsabbiltà tal-konvenuti appellanti kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata, l-imgħax jiddekorri minn

dakinhar. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited** imsemmija qabel). Għalhekk dan l-aggravju dwar l-imgħaxijiet jitqies li jimmerita li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti tiċħad l-appell inċidentali mressaq mill-attriċi, tilqa' f'parti l-appell prinċipali mressaq mill-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja u għar-raġunijiet imfissra qabel, tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-konvenut Maurice Attard mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tiddikjarah responsabbli *in solidum* flimkien mal-bqija tal-konvenuti (ħlief il-Kunsill Lokali) għall-inċident li fih korriet l-attriċi;

(ii) Tillikwida d-danni sa fejn dawn jitrattaw il-*lucrum cessans* fis-somma ta' ħames t'elef, ħames mija u tnejn u sittin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€5,562.38)[1], li flimkien mad-*damnum emergens* likwidati mill-Ewwel Qorti fis-somma ta' mija u tletin ewro (€130), iwasslu sabiex l-ammont komplessiv ta' danni mġarrba mill-attriċi

[1] €7,946.26x35x2%=€5,562.38

qegħdin jiġu riveduti għall-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u tnejn u disgħin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€5,692.38);

(iii) Tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* (ħlief il-Kunsill Lokali) sabiex iħallsu din is-somma hekk likwidata lill-attriċi; b'dan illi l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu, in kwantu għall-ispejjeż tal-prim'istanza bejn il-konvenuti kollha (ħlief il-Kunsill Lokali) *in solidum* bejniethom. Mentri kunsidrat l-ammont rivedut minn din il-Qorti, l-ispejjeż tal-appell prinċipali jibqgħu a karigu tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, filwaqt li l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da